



# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-44/11**

**Finanzamt Frankfurt am Main V-Höchst  
vs  
Deutsche Bank AG**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof)

“Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 56(1)(e) — Artikolu 135(1)(f) u (g) — Eżenzjoni ta’ tranżazzjonijiet li jikkonsistu fl-immaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli (immaniġġjar ta’ portafoll)”

Sommarju tas-sentenza

1. *Armonizzazzjoni tal-leġislazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Provvista ta’ servizzi — Tranżazzjonijiet komposti minn diversi elementi — Tranżazzjoni li għandha titqies bħala provvista waħda — Immaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli*
2. *Armonizzazzjoni tal-leġislazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Eżenzjonijiet — Tranżazzjonijiet fazzjonijiet — Immaniġġjar ta’ fondi speċjali ta’ investiment — Kunċetti — Immaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli — Esklużjoni*

*(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 135(1)(f) u (g))*

3. *Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Provvista ta’ servizzi — Determinazzjoni tal-post ta’ tassazzjoni — Tranżazzjonijiet bankarji, finanzjarji u ta’ assigurazzjoni, inklużi dawk ta’ assigurazzjoni mill-ġdid — Kunċett — Immaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli — Inklużjoni*

*(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikolu 56(1)(e))*

1. Servizz ta’ mmaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli, jiġifieri attività remunerattiva fejn persuna taxxabbli tiegħu deċiżjonijiet awtonomi dwar xiri u bejgħ ta’ titoli u teżegwixxi dawn id-deċiżjonijiet permezz tax-xiri u tal-bejgħ ta’ titoli, huwa kompost minn żewġ elementi li tant huma marbuta mill-qrib li jiffurmaw, oġġettivament, servizz ekonomiku wieħed.

(ara l-punt 29 u d-dispożittiv 1)

2. L-Artikolu 135(1)(f) jew (g) tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-immaniġġjar ta’ assi permezz ta’ titoli ma huwiex eżentat mit-taxxa fuq il-valur miżjud skont din id-dispożizzjoni.

It-tranżazzjonijiet ikkonċernati mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva 2006/112, huma dawk li huma speċifiċi għall-attività tal-imprezza ta’ investiment kollettiv. B’mod konkret, dawn huma fondi komuni li fihom diversi investimenti jinġabru u jitqassmu fuq serje ta’ titoli, li jistgħu jiġu mmaniġġjati b’mod effettiv sabiex jittejjbu r-riżultati, u li fihom l-investimenti individwali jistgħu jkunu

relattivament baxxi. Dawn il-fondi jimmaniġġjaw l-investimenti tagħhom f'isimhom u għan-nom tagħhom, filwaqt li kull klijent investitur ikollu sehem fil-fondi imma mhux fl-investimenti tal-fondi nfushom. Min-naħa l-oħra, is-servizz ta' mmaniġġjar ta' assi permezz ta' titoli jikkonċerna ġeneralment l-assi ta' persuna unika, li għandhom ikunu ta' valur totali relattivament għoli sabiex l-immaniġġjar tagħhom iħalli qligħ. Il-persuna li timmaniġġja l-portafoll tixtri u tbigħ l-investimenti f'isem u għan-nom tal-klijent investitur, u dawn jibqgħu proprjetà tiegħu matul il-perijodu kollu tal-kuntratt, u meta l-imsemmi kuntratt jintemm.

Fir-rigward tal-portata tal-Artikolu 135(1)(f) tad-Direttiva 2006/112, it-tranżazzjonijiet li jinvolvu azzjonijiet u fuq titoli oħra huma tranżazzjonijiet fis-swieq tat-titoli u li n-negozjar tat-titoli jinvolvi atti li jimmodifikaw is-sitwazzjoni legali u finanzjarja bejn il-partijiet. Għalhekk, il-kliem "tranżazzjonijiet [...] f'ishma [azzjonijiet]" fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni jirrigwardaw tranżazzjonijiet li jistgħu joħlqu, jibdlu jew itemmu d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fir-rigward ta' titoli. Is-servizz ta' mmaniġġjar ta' assi permezz ta' titoli huwa, madankollu, essenzjalment taħlita ta' żewġ elementi jiġifieri, minn naħa, ta' servizz ta' analiżi u ta' sorveljanza tal-assi tal-klijent investitur kif ukoll, min-naħa l-oħra, ta' servizz ta' xiri u ta' bejgħ ta' titoli veru u proprju. Minħabba l-fatt li l-imsemmi servizz jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud, biss fl-intier tiegħu, dan ma jistax ikun kopert mill-Artikolu 135(1)(f) tad-Direttiva 2006/112.

(ara l-punti 31, 33, 34, 36-39, 43, 46 u d-dispożittiv 2)

3. L-Artikolu 56(1)(e) tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat bħala li ma japplikax biss għas-servizzi elenkati fl-Artikolu 135(1)(a) sa (g) tal-imsemmija direttiva, iżda wkoll għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' assi permezz ta' titoli.

(ara l-punt 55 u d-dispożittiv 3)